

# Banda San Pawl – L-Istorja 1970 - 1980
## *(Il-Ħames Parti)*

**Tagħrif miġbur minn Keith Muscat**

Fil-Ħames parti ta' l-artiklu se nitratta dak li għaddiet minnu l-Banda San Pawl fis-snin sebgħin. Sfortunatament, mir-riċerka li għamilt fl-arkivji tal-Każin ma sibtx il-ktieb tal-Minuti tal-laqgħat li saru bejn l-1969 u l-1970, għalhekk ħafna mill-informazzjoni ksibtha mill-korrispondenza u minn sorsi oħra.

### Kumitat 1969 / 1970

Is-seduta Ġenerali biex jinħatar il-Kumitat għas-Snin 1969 / 1970 tlaqqgħet fit-30 ta' Marzu 1969. Peress li għal din il-laqgħa, la attenda il-President u lanqas il-Viċi President, inħatar bħala Chairman tal-laqgħa is-Sur B. Sammut. Il-Kaxxier qara r-rendikont finanzjarju fejn irriżulta li l-Każin kellhu L560.8s. Peress li ma kienx hemm nominazzjonijiet għal Kumitat, is-Sur A Agius issuġġerixxa li jibqa' l-istess, però s-Sur B. Frendo rrimarka li ma setax ikun hemm nominazzjonijiet, għax is-segretarju ma' kienx ħareġ il-formoli tan-nomini. Għalhekk kien hemm qbil li l-Kumitat jinħatar mill-membri tal-Kumitat preċedenti u minn dawk li kienu preżenti u wrew interess li jiffurmaw parti mill-Kumitat il-ġdid.

Il-persuni li ffurmaw il-Kumitat għas-snin 1969 / 1970 kienu dawn:

Dr J Attard Montaldo / Dr Mario Sant Cassia / Anthony Sant Cassia / P. Tanti / A. Agius / Spiro Grima / Carmel Camilleri / C Gatt / Em. Gauci / John Cassar / B. Frendo / E. Falzon / Z Muscat.

### 1970

Il-bidu tas-Snin Sebgħin, insibu mill-korrispondenza, li Benny Frendo kien is-Segretarju tal-Kumitat, filwaqt li Marcell Agius kien il-Kaxxier. Dr J Attard Montalto baqa jokkupa l-kariga ta' President. Insibu li matul din is-sena il-Banda għamlet bosta servizzi, fosthom nhar id-29 ta' Marzu (Marċ tal-Lottu), 24 u 25 ta' Lulju (Festa ta' Marija Addollorata - San Pawl il-Baħar), u żewġ marċi f'Awwissu f'Burmarrad u l-Wardijja, għall-festi rispettivi tal-post. L-aħħar servizz tal-Banda għas-sena 1970 sar nhar il-21 ta' Settembru. Matul din is-sena tħabbret il-mewt ta Paolo Tanti, li okkupa għal-diversi snin il-kariga ta' Assistent Surmast mal-Banda, fil-fatt huwa kien l-ewwel Assistent Surmast.

### 1971

Nhar it-18 ta' Jannar 1971, il-Knisja ddedikata lill-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija, f'Burmarrad ġiet elevata għall-Parroċċa, il-Banda San Pawl tat is-sehem tagħha fiċ-ċelebrazzjonijiet li

saru. Nhar il-31 ta' Marzu 1971, żar il-Każin il-Gvernatur ta' Malta Sir Maurice Dorman, kif ukoll l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.

Għal festa ta' dik is-sena, li ġiet iċċelebrata bejn l-24 u s-26 ta' Lulju, barra l-Banda San Pawl, ipparteċipaw żewġ baned barranin. Dawn kienu l-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem (Għawdex), li għamlet marċ u programm fuq il-parapett tas-Sorijiet Franġiskani (25/7/71) u l-Banda La Vittoria tal-Mellieħa. Il-Banda San Pawl għamlet ukoll is-solitu servizzi tagħha f'Burmarrad u l-Wardija. Is-Sur Joseph Schembri ngħata l-Bottegin tal-Każin f'kuntratt li jkopri l-perjodu ta' sena u li beda fl-10 ta' Awissu 1971.

## 1972

Nhar id-29 ta' Jannar 1972 għamlet żjara fil-Każin, l-Onor. A. Barbara, li kienet qed iżżur il-lokalità biex tinawgura l-Każin tas-Sirens Football Club, li jinstab propju bieb ma' bieb mall-Każin tal-Banda San Pawl.

## 1973

Fil-15 ta' Frar 1973 is-Sur Michael Rapinett ħa l-bottegin mingħand is-Sur Schembri.

Nhar l-20 ta' Mejju 1973 saret il-Laqgħa Ġenerali biex jiġi ffurmat il-Kumitat. Mill-Minuti ta' din il-laqgħa laqatni ħafna l-fatt li dak iż-żmien il-Banda kellha numru konsiderevoli ta' allievi fl-iskola tal-mużika, fosthom 33 nisa. Fl-1973 kien inxtara *snooker* għall-każin.

Il-persuni li ffurmaw il-Kumitat għas-sentejn ta' wara kienu kif ġej :

- In-Nobbli Dr J Attard Montalto (President)
- Benjamin Frendo (Segretarju)
- Louis Cutajar (Kaxxier)
- Chev. Carm. Sandro Calleja D.B.SS., F.Inst.D. (Rappreżentant tal-Banda fil-Malta Band Clubs Association)
- Dr. Mario Sant Cassia MD
- J. Calleja
- Pascal Sammut
- Marcel Agius

Bħala Presidenti Onorarji tal-Każin inħatru dawn is-Sinjuri :

- Il-W.R. Patri Ġann Franġisk Grima OFM Conv. (Fundatur tal-Banda)
- In-Nobbli A. Apap Bologna.
- L-Onor. Lawrence Gatt A & CE
- In-Nobbli Kav. Baruni. De Piro D'Amico Inguanez
- Is-Sur Carm Lino Spiteri BE & A
- Is-Sur Joseph Bugeja

Fil-festa ta' din is-sena, li ġiet iċċelebrata bejn is-27 u d-29 ta' Lulju, flimkien mal-Banda San Pawl, ħadu sehem il-Banda La Vittoria tal-Mellieħa u l-Banda Sant Elena ta' Birkirkara. Fis-7 ta' Ottubru 1973, il-Bottegin reġa' għadda għand is-Sur Joseph Schembri.

## 1974

Fl-1974 Patri Samuel Chetcuti OFM Conv. inħatar Kappillan tal-Parroċċa ta' Marija Addolorata minflok Patri Serafin Galea. Il-Banda San Pawl ipparetċipat fil-korteo li kien

sar għall-okkażjoni.

Fl-10 ta' Jannar, is-Sur Louis Cutajar ħass li kellu jirreżenja mill-Kariga ta' Kaxxier minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din id-dimissjoni ġiet aċċettata b'dispjaċir mill-Kumitat, li rringrazzja lis-Sur Cutajar għax-xogħol siewi li kien għamel matul is-snin.

Il-festa ta' dik is-sena ħabtet bejn is-27 u d-29 ta' Lulju u bħala Banda mistiedna kien hemm l-Imperial tal-Mellieħa. Nhar it-13 ta' Ottubru 1974, Patri R. Gauci OFM. Conv. inħatar bħala Direttur Spiritwali tal-Każin Banda San Pawl.

## 1975

Fl-1975, fil-Knisja Parrokkjali kien għaddej ix-xogħol ta' tkabbir. Punt ieħor ta' min isemmi għal dik is-sena kienet it-twaqqif tal-Parroċċa ddedikata lill-San Ġużepp Ħaddiem fil-Manikata, li kienet it-tieni Parroċċa li ħarġet minn dik ta' San Pawl il-Baħar.

Il-Banda San Pawl ipparteċipat fil-festa li ħabtet bejn il-25 u s-27 ta' Lulju, kif ukoll daqqet marċi funebri waqt il-purċissjoni bil-vara devota tad-Duluri li saret ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira. Il-Banda San Pawl ma' kienitx takkompanja l-vara, iżda tibqa ddoqq fit-triq ta' maġenb il-Każin. Din it-tradizzjoni damet fis-seħħ għall-bosta snin.

## 1976

F'Settembru ta' din is-sena tlest t-tkabbir tal-Knisja Parrokkjali minn ġewwa. Ma' tantx sibt informazzjoni fuq l-andament tal-Każin għall dik is-sena, għajr li l-Banda wettqet is-servizzi f'San Pawl il-Baħar, f'Burmarrad u l-Wardija. F'dik is-sena nħadem bank ġdid tal-injam għall-bottegin.

## 1977

F'Mejju saret il-Laqgħa Ġenerali u nħatar il-Kumitat il-ġdid :
- In-Nobbli Dr J Attard Montalto (President)
- Benjamin Frendo (Segretarju)
- Chev. Carm. Sandro Calleja D.B.SS., F.Inst.D.
- Dr. Mario Sant Cassia MD
- Dr. M Gialanze
- Dr. Bonavia
- C. Camilleri
- Spiru Grima
- C. Farrugia
- E. Gauci
- Marcel Agius

Bħala Presidenti Onorarji tal-Każin inħatru dawn is-Sinjuri :
- Il-W.R. Patri Ġann Franġisk Grima OFM Conv. (Fundatur tal-Banda)
- In-Nobbli A. Apap Bologna.
- L-Onor. Lawrence Gatt A & CE
- In-Nobbli Kav. Baruni. De Piro D'Amico Inguanez
- Hon. Carm Lino Spiteri BE & A
- Is-Sur Joseph Bugeja
- Hon. Freddie Micallef MP (mis-16 ta' Lulju 1977)

Nhar l-1 ta' Lulju is-Sur Mike Mifsud ħa l-bottegin għall-sentejn.

Fil-laqgħa tal-5 ta' Ġunju 1977 sar xi ċaqliq fil-Karigi tal-Kumitat. Insibu li s-Sur F. Bristow inħatar bħala Membru u ngħata l-inkarigu ta' Segretarju, minflok Ben Frendo li beda jokkupa l-kariga ta' teżorier. Nhar l-14 ta' Lulju, is-Sur Carmelo Camilleri inħatar bħala rappreżentant tal-Każin fil-Malta Band Clubs Association.

Il-jum ta' 10 ta' Lulju 1977 ġab miegħu niket kbir, minħabba li dak inhar tħabbret il-mewt tal-maħbub Patri Ġann Franġisk Grima OFM Conv., Fundatur, President Onorarju għall-Għomru u benefattur tal-Każin Banda San Pawl. Il-Provinċja tal-Franġiskani ddeċidew li l-funeral isir fil-Knisja tagħhom fil-Belt Valletta, minħabba n-numru kbir ta' konċelebranti (62) li kienu se jieħdu sehem, pero d-difna saret fiċ-ċimiterju ta' San Pawl il-Baħar. Il-Kumitat wera' x-xewqa li jipparteċipa b'mod uffiċjali f'dan il-funeral u saret talba li l-fdalijiet ta' Patri Grima jinġiebu l-Każin tal-Banda wara l-quddiesa u wara jiġi akkumpanjat mill-banda saċ-ċimiterju. L-ebda' minn dawn it-talbiet ma' ġew milqugħa u l-Kumitat ħassu ferm offiż. Il-Kumitat wera d-dispjaċir tiegħu f'korrispondenza li għaddiet bejn il-Każin u l-Provinċjal tal-Patrijiet Franġiskani u l-kopji ta' din il-korrispondenza ntbgħatet il-Kurja Arċiveskovili.

Nhar it-22 ta' Awissu 1977, Mro Salvino Vella li serva ta' Surmast Direttur bejn l-1950 u l-1967, inħatar bħala Surmast Onorarju.

Il-Kumitat, immexxi minn Nobbli Dr J Attard Montalto, ħass li kellha ssir xi ħaġa fil-Każin biex tibqa mfakkra l-memorja ta' Patri Ġann Franġisk Grima OFM Conv. u ġie deċiż li jisr bust. Il-Kumitat ħadem bla heda biex propju xaharejn wara l-mewt tal-Fundatur, nhar l-10 ta' Settembru 1977, kollox kien lest biex issir l-inawgurazzjoni tal-monument, mill-Arċifqof Emmeritus Mons. Mikiel Gonzi. Il-Banda għamlet marċ u wara saru xi diskorsi tal-okkażjoni. Wara li ġie nnawgurat u mbierek il-bust, sar riċeviment. Il-bust li huwa twil 12-il pulzier u wiesa' 25 pulzier inħadem mill-artist Żejtuni Manwel Zammit. Il-bażi tal-irħam, wiesa' 28 pulzier b' 19, inħadem mid-Ditta ta' Spiteri Sacco. (Dan il-bust kien tpoġġa fid-daħla tal-Każin fuq in-naħa tax-xellug. Meta twaqqa l-Każin il-bażi tneħħiet u l-bust illum jinsab f'waħda mis-swali tal-Każin li nbena mill-ġdid).

Fattur interessanti ieħor hu li f'4 ta' Ottubru 1977 ġie stallat *payphone* fil-Każin.

## 1978

F'din is-sena tkompla x-xogħol ta' tkabbir fil-Knisja Parrokkjali, li issa kien avvanzat sew. Fil-fatt fl-14 ta' Lulju 1978 inħatt il-ħajt li kien jifred il-parti l-antika mill-parti l-ġdida tal-Knisja u f'Settembru ġie trasportat l-artal maġġur. Sar ukoll xogħol fuq l-irħam ta' l-art.

Il-Ħajja fil-Każin tal-Banda San Pawl kompliet bħas-snin l-imgħoddijja, bil-banda tagħmel bosta servizzi. Fil-5 ta' Ġunju 1978 il-W.R. Mro. Patri Geroge Zammit OFM Conv. inħatar bħala Assistent Surmast Direttur tal-Banda San Pawl. Ta' min ifakkar li Patri Zammit ikkompona quddiesa għall-feta ta' Marija Addolorata, li ġiet imżanżna propju f'dik is-sena.

F'Diċembru ġiet organizzata l-*Black Bottle Whiskey Snooker Competition*, b'kompetizzjoni għall-kbar u oħra għall-żgħażagħ taħt is-17-il sena.

## 1979

Meta ssemmi l-1979 ma tistax ma titkellimx fuq il-maltempata kbira li ħakmet il-gżejjer Maltin nhar il-25 ta' Ottubru. San Pawl il-Baħar intlaqat bħal bosta nħawi oħra, djar fl-inħawi tal-Knisja tal-Karmnu u l-istess knisja ġarrbu ħsarat kbar. Quddiem il-Knisja nfetħet it-triq.